

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Marzu 2013 — Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-587/08) ⁽¹⁾

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-banana — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Sistema ta' skambju ta' informazzjoni — Kunċett ta' praktika miftieħma li għandha għan antikompetittiv — Rabta kawżali bejn il-ftehim u l-agħir tal-imprizzi fis-suq — Ksur wieħed — Impatazzjoni tal-ksur — Drittijiet tad-difīża — Multi — Gravità tal-ksur — Kooperazzjoni — Ċirkustanzi attenwanti")

(2013/C 123/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fresh Del Monte Produce, Inc (George Town, Għejjer Cayman, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment B. Meyring, avukat, u E. Verghese, solicitor, sussegwentement B. Meyring)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Kellerbauer, A. Biolan u X. Lewis, sussegwentement M. Kellerbauer, A. Biolan, u P. Van Nuffel, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Rinne, avukat, C. Humpe u S. Kon, solicitors, u C. Vajda, QC.

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni C(2008) 5955 finali tal-Kummissjoni, tal-15 ta' Ottubru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) (Każ COMP/39.188 — Banana), u, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa.

Dispożittiv

- (1) L-ammont tal-multa imposta skont l-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 5955, tal 15 ta' Ottubru 2008, dwar proċedimenti skont l-Artikolu 81 (KE) (Każ COMP/39.188 — Banana), huwa ffissat għal EUR 8.82 miljun.
- (2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Fresh Del Monte Produce, Inc. għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll tliet kwarti ta' dawk tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tbat kwart tal-ispejjeż tagħha.

(4) Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert GmbH & Co. KG għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(1) ġu C 44, 21.2.2009

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Marzu 2013 — Dole Food u Dole Germany vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-588/08) ⁽¹⁾

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-banana — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Kunċett ta' praktika miftieħma li għandha għan antikompetittiv — Sistema ta' skambju ta' informazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difīża — Linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi — Gravità tal-ksur")

(2013/C 123/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Dole Food Company, Inc. (Washington, l-Istati Uniti) u Dole Germany OHG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: J.-F. Bellis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment X. Lewis u M. Kellerbauer, sussegwentement M. Kellerbauer u P. Van Nuffel, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 5955, tal-15 ta' Ottubru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/39.188 — Banana).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Dole Food Company, Inc. u Dole Germany OHG huma kkund-dannati għall-ispejjeż.

(1) ġu C 44, 21.2.2009.
